# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 516/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**Daniela Spiteri**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanta, Daniela Spiteri, detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 22282M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1) F'dawn il-Ġzejjer fit-3 ta' Jannar 2014, minn ġewwa l-istabbiliment Zara, Triq ix-Xatt, Sliema għall-ħabta tat-19:45hrs ikkommettiet serq ta' diversi oġġetti li jikkonsistu fi ħwejjeġ, liema

serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeċċedi €232.94 liema serq huwa aggravat ukoll bil-ħin u li sar għad-detriment ta' Malcolm Ian Attard ID 394873M u/jew ta' persuni oħra;

2) Aktar talli f'dawn il-Ġzejjer fit-22 ta' Marzu, 2014 minn ġewwa l-istabbiliment Monsoon, Triq Bisazza, Sliema, għall-ħabta tal-16:00hrs ikkommettiet serq ta' diversi oġġetti li jikkonsistu fi ħwejjeġ għall-valur ta' €130 u li sar għad-dannu ta' Andrea Arabella Attard, ID 132899M u Francesca Stafrace, ID 292887M u/jew persuni oħra;

3) Aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi talli laqgħet għandha jew xtrat ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew b'kull mod li tkun indaħlet biex tbiegħhom jew tmexxihom;

4) Aktar talli kisret il-provediment tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' sentenza datata 25 ta' Settembru, 2013 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;

5) Aktar talli rrendiet ruħha reċidiva b'diversi sentenzi tal-Qorti li issa saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-5 ta' Novembru, 2015 li biha, wara li astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tielet (3) imputazzjoni alternattiva, dik ta' riċettazzjoni, sabet lill-imputata ħatja tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni u kkundannatha ghal-sena priġunerija. Astjeniet ukoll milli tagħti provvediment fuq ir-raba' (4) imputazzjoni, fuq ksur ta' ordni ta' probation u ma sabithiex ħatja tal-addebitu tar-reċidiva;

Rat ir-rikors ta' Daniela Spiteri, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fis-16 ta' Novembru, 2015, permezz ta' liema talbet lil din il-Qorti jogħġobha **tirriforma** s-sentenza appellata, **tikkonfermha** fejn ma sabitx ħtija, u **tirrevokaha** fis-sens li ma ssibha ħatja ta' l-ebda serq aggravat bl-ammont tal-valur, **tikkonfermaha** dwar serq sempliċi, **tirrevokaha** dwar il-piena, tiddikjara wara l-proċeduri meħtieġa illi qed tibgħat lill-istess ħalli tiġi ġġudikata minn 'drugs court' u flok il-piena nflitta tagħti provvedimenti li iktar jixirqu għall-każ;

Rat l-aggravji tal-appellanta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanta esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi qabel kull konsiderazzjoni ohra tajjeb li jkunu stradati t-talbiet fir-rikors tal-appell u dan ghaliex kif jemergi mis-sottomissjonijiet fl-udjenza tat-18 ta' Dicembru, 2017, l-appellanta kienet taht l-impressjoni zbaljata illi l-ewwel Qorti kienet sabitha hatja, *inter alia*, tat-tielet imputazzjoni, dik ta' ricetazzjoni meta fil-fatt kienet astjeniet minnha stante li kienet imputazzjoni alternattiva ghall-ewwel u t-tieni wahda li dwarhom sabet htija. L-appellanta ghalhekk irtirat dak l-aggravju u b'hekk il-Qorti tifhem illi meta fit-talba taghha ghamlet referenza ghar-revoka ta' kull fejn instabet htija kienet qed tirreferi ghall-ewwel u t-tieni imputazzjoni;

2. Jokkorri ukoll li jkun senjalat illi fis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti ghazlet li ma taghmel ebda provvediment dwar il-ksur tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446. Ghal darb'ohra din il-Qorti terga tippreciza illi dan mhux korrett ghaliex meta tinsab htija fuq l-imputazzjonijiet l-ohra il-Qorti **ghandha** titratta mal-hati u mhux tghazel hi jekk ghandiex titratta jew le mal-hati. Ara in rigward is-sentenzi: Il-Pulizija vs Duranovic Coreschi App Krim 549/2010 – 14.9.2011; Il-Pulizija vs John Borg App Krim 427/2014 GMG – 15.12.2016; Il-Pulizija vs Andrew Buhagiar App Krim 16.6.1999 u Il-Pulizija vs Raymond Callus App Krim 10.12.2001 minn skorta ta' sentenzi simili) Dwar dan, izda, ma hemm l-ebda appell mill-Avukat Generali izda xorta wahda tqis li ghandu jkun puntwalizzat dan in-nuqqas ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja;

3. Ventilat dan, isegwu kunsiderazzjonijiet dwar dak li qed titlob l-appellanta li allura kienet misjuba hatja ta' serq bl-aggravju tal-valur u tal-hin. Issa l-appellanta kienet misjuba hatja ta' zewg serqiet: wahda bl-aggravju tal-valur u hin, l-ewwel imputazzjoni, u ohra ta' serq semplici, it-tieni wahda. It-talba tal-appellanta hi sabiex din il-Qorti "tirrevokaha fis-sens li ma ssibha hatja ta' l-ebda serq aggravat bl-ammont tal-valur u tikkonfermaha dwar serq semplici". Ghalhekk l-appellanta mhix qed tikkontesta s-sejbien ta' htija ta' serq bl-aggravju tal-hin fl-ewwel imputazzjoni u qed titlob konferma fis-sejbien ta' htija ta' serq semplici. Issa meta qed titlob il-konferma, jekk l-appellanta qed tistenna li l-ewwel imputazzjoni tkun meqjusa bhala serq semplici ghaliex ma jirrizultax l-aggravju tal-valur allura hija zbaljata ghaliex l-ewwel imputazzjoni tikkomprendi l-aggravju tal-hin li issa ghadda in gudikat;

4. Illi ghalhekk din il-Qorti ser taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha dwar it-talba tal-appellanta biex tkun revokata s-sentenza kwantu sejbien ta' htija fl-ewwel imputazzjoni dwar serq bl-

aggravju tal-valur. Dwar dan irid jinghad ukoll illi l-istess appellanta taccetta bhala fatt s-sejbien ta' htija fl-ewwel imputazzjoni bhala serq semplici u ghalhekk din il-Qorti mhix ser tinoltra dwar jekk il-fatti imputati jirravizawx l-elementi ta' serq jew le u ser titlaq mill-punt illi s-serq ta' kull oggett indikat fl-ewwel imputazzjoni sehh u ghalih hija responsabbli l-istess appellanta;

5. Issa, l-aggravju tal-appellanta dwar l-ewwel imputazzjoni hu li ghad li serqet diversi oggetti, l-valur ta' kull oggett individwali ma kienx jikkwalifika bhala r-reat bl-aggravju tal-valur. "Meta jkun hemm serq ta' ammonti zghar ripetuti, r-reat ma jkunx aggravat bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro (€232) imma jkun reat kontinwat ta' serq semplici. Waqt is-sottomissjonijiet orali l-abbli difensur tal-appellanta spjega illi wieħed m'għandux jgħodd is-somma kollha tal-affarijiet li nsterqu izda irid jinsab l-ammont tal-akbar serqa u mbagħad ikun applikat l-artikolu 18 tal-Kap 9;

6. Dwar dan l-argument l-appellanta ghamlet referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti Il-Pulizija vs Peter Borg li segwiet l-insenjament ta' sentenza precedenti mogħtija mill-Imħallef Harding citata fl-istess sentenza. Tajjeb li qabel xejn jkunu brevement rakkontati l-fatti tal-kaz in dizamina fejn l-imputata kienet intercettata mis-Security Officer tal-istabbiliment Zara f' Ta' Sliema li harget hwejjeg minghajr ma hallset ghalihom. Waqt l-indagini rrizulta li kellha hwejjeg mehuda mill-istabbiliment Monsoon ukoll minghajr ma kienet halset ghalihom. Il-hwejjeg mehuda mill-istabbiliment Monsoon huma riflessi fit-tieni imputazzjoni ta' serq semplici u l-appellanta trid li tkun konfermata din il-parti tas-sentenza. Ghalhekk mhu ser isiru ebda konsiderazzjonijiet in rigward;

7. Kwantu ghas-serq tal-hwejjeg mill-istabbiliment Zara, l-appellanta ukoll taccetta kull responsabilita, izda, kif gia senjalat, li din kellha titqies bhala serq semplici;

8. Mix-xhieda ta' PC 463 Christopher Ellul, (fol 40 u 41) is-somma indikata tal-*cost price* tal-ħwejjeġ (kowt li kien fuq l-appellanti, tliet ġgieget oħra u kowt ieħor) kif indikat mill-General Manager (ara fol 41) kien ta' €447 u 67 cents. Meta l-appellanta twaqqfet barra l-istabiliment kienet liebsa gakketta u taht din kellha kowt li ma hallsitx ghalih. Fil—basket kellha ukoll tlett iggieget tal-istess stabiliment ukoll mhux mhallsa. Mill-okkorrenza fol 14 jirrizultaw il-prezzijiet individwali ta' dawn il-hwejjeg: €59.96; €119.25; €52.46; €96.75; u €119.25. Id-difiza tikkontendi li kellu jkun konsiderat biss l-oghla valur minn dawn u mhux maghdud flimkien;

9. Fis-sentenza li taghmel referenza ghaliha l-appellanta, Il-Pulizija v Peter Borg (Qorti tal-Appell Kriminali tat-18 ta' Ġunju 2009) il-kwistjoni kienet ferm diversa minn dik odjerna ghaliex dak kien kaz ta' serq ta' gass minn ċilindri tal-gass ta' diversi konsumaturi u mhux minghand konsumatur wiehed:

'*Kull att ta' bejgh ta' ċilindru mbagħbas kien jikkostitwixxi reat konsmat f'sensiela ta' reati kommessi* ***<u>fi żminijiet differenti</u>*** *li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda u konsegwentement jammontaw għal reat kontinwat. Għalhekk irid jittieħed biss l-ogħla valur tal-ħsara ipprokurata ta' kull bejgħ ta' ċilindru uti singoli u mhux tal-valur komplessiv taċ-ċilindri kollha* li *setgħu inbiegħu jew li kienu lesti biex jinbiegħu fil-garage tal-appellant.*'

10. Fil-kaz odjern, is-serqa ta' diversi oggetti immaterjalizzat *invito domini* appena l-appellanta harget mill-istabiliment. Ifisser dan li s-sinistru sehh fl-istess hin u mhux f'hinijiet jew granet

differenti. Hija ghalhekk serqa wahda fl-ammont intier tal-oggetti misruqa li teccedi l-€232.94 ex artikolu 267 tal-Kodici Kriminali, aggravju tal-valur, u mhux diversi serqiet b'valuri differenti u kienet korretta l-ewwel Qorti meta iddecidiet b'dan il-mod. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun michud u mhux il-kaz li jkunu kontemplati kunsiderazzjonijiet dwar l-artikolu 18 tal-Kap 9 ghaliex mhux applikabbli;

11. Ghal dak li jirrigwarda l-piena erogata, l-artikolu 279(a) Kap 9 jimponi piena ta' prigunerija minn hames xhur sa tlett snin jekk il-valur ma jkunx jeccedi l-€2,329.37 bhal fil-kaz odjern. L-artikolu 280 imbaghad jipprovdi li f'kaz li s-serq akkumpanjat bl-aggravju tal-valur ikun ukoll akkumpanjat b'wiehed jew aktar aggravji izda mhux dak tal-vjolenza u mezz, allura japplikaw il-pieni msemmija fl-artikolu 279(a) izda dawn ma jinghatawx fil-*minimum* taghhom. Ghalhekk jehtieg rikors ghall-artikolu 20 li jipprovdi li meta l-ligi trid li l-piena m'ghandhiex tinghata fil-*minimum* il-piena li ghandha tinghata ghandu dejjem ikun fiha ghall-anqas terz tad-differenza bejn il-*minimum* u l-*maximum*. F'dan il-kaz dan jissarraf f'*minimum* ta' ghaxar xhur u ghaxart ijiem. Issa l-ewwel Qorti kkominat piena ta' sena prigunerija;

12. L-ewwel Qorti ma applikatx id-disposizzjoni taht l-artikolu 17(b) tal-Kap 9 fejn kellha tkun mghaduda minn terz sa nofs taz-zmien tal-pieni l-ohra kollha mehudin flimkien. Dan ifisser illi l-piena ta' sena prigunerija hija fil-fatt matematikament korretta u din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fil-kwistjoni ta' piena sakemm din tkun fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jiddimostra li din kellha tkun anqas jew aktar minn dik kominata;

13. Kwantu ghat-talba tal-appellanta sabiex din il-Qorti tapplika l-provvedimenti tal-Kapitolu 537 tal-ligijiet ta' Malta, igifieri li tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti ta' droga u tirreferi l-kaz ghall-

quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga kien jinkombi fuq l-appellanta li tressaq dawn il-provi biex juru li hi dipendenti fuq id-droga. Quddiem din il-Qorti ma saret ebda talba ghal dan il-ghan u wisq anqas ma ngiebu xi forma ta' provi f'din id-direzzjoni u ghalhekk din il-Qorti ma tistax, *marte proprio*, tassumi dawn il-funzjonijiet;

14. Għal dawn il-motivi l-appell qed ikun michud. Stante li l-appellanta ssottomettiet li hija aflitta mill-problema tad-droga qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Ħabs sabiex din tingħata l-kura u l-attenzjoni kollha meħtieġa biex hija tegħleb dan il-vizzju.